**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 112/2022/1**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mario Grech**

**Illum, 10 ta' Lulju 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Mario Grech** iben George u Josephine nee Attard imwielda 20 ta' Ottubru 1970 u residenti, 'Sunshine' Triq l-Avukat Anton Calleja, Kercem akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar il-5 ta' Novembru 2021 ghall-habta ta' 16:15am fl-akkwata maghrufa bhala l-Ingiret limiti ta' Wied il-Mielah, Gharb, Ghajnsielem, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi,

1. Minghar il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu innifsu lil Mario Lupi Spencer u lil Francis Lupi Spencer ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun fixkel lil Mario Lupi Spencer u lil Francis Lupi Spencer fil-pussess ta' hwejjighom b'xi mod iehor kontra l-ligi jew indhalt fi hwejjeg ta' haddiehor.

2. Kif ukoll volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn €23.29 izda anqas minn €250 ghad-dannu ta' Mario Lupi Spencer u Francis Lupi Spencer.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-5 ta' Marzu, 2024, ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni filwaqt li sabet lil Mario Grech hati tal-ewwel imputazzjoni mressqa kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' EUR 300.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Mario Grech, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta Marzu, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-hamsa (5) ta' Marzu 2024, billi tirriformaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija.

**<u>L-aggravju</u>**

Illi bid-dovut rispett l-ewwel Qorti iddeċidiet hazin meta rravizat l-estremi tar-reat ta' ragion f'dak li sehh. F'dak li ghamel l-appellant meta ghadda mill-passagg bhas-soltu u kif ilu jaghmel ghal mill-anqas dawn l-ahhar hamsa u tletin (35) sena u aktar, huwa kien sempliċiment qed jipproteġi l-*istatus quo*, u ghalhekk fic-cirkostanzi kellu jiġi applikat l-principju *vim vi prepellere licet*. Kienu pjuttost il-kwerelanti li kkommettaw ir-reat meta konxjemant hartu l-passagg. Kif ikkonferma wiehed mill-kwerelanti Francis Lupi Spencer meta xehed in kontro-ezami fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2023:

> *Avukat MS; Ara naqblux li din it-triq it-tifel tieghek haratha proprju fi żmien l-insib? Novembru?*

*Xhud; FLS: Dika jiena kont nahratha x'hin jieqaf l-insib kont nahratha biex ma jkunx hemm kapparra fuqha.*

*Avukat MS; X'hin jieqaf l-insib.*

*Xhud FLS: Gieli iva u ġieli le. Meta kont insib min jahratieli kont nahratha.*

*Avukat MS:Imma issa jiena staqsejtek fuq dan il-kaz partikolari. Dan ir-rapport partikolari.*

*Xhud FLS: Ma niftakarx*

*Avukat MS: Ma tiftakarx? Imma f'Novembru, inti dilettant tal-insib. Mhux hekk?*

*Xhud FLS; Iva ,mela.*

*Avukat MS: U ghandkom mansab ukoll intom hekk hekk, hux hekk?*

*Xhud FLS: Iva,mela*

*Avukat MS; U aktar il-gew minnkom, l-imputat ghandu wkoll l-mansab tieghu ?*

*Xhud FLS: Iva, mela ghandu wkoll.*

*Avukat MS: u din it-triq inhartet proprju fi żmien l-insib?*

*Xhud FLS;  Ma niftakarx.*

*Avukat MS: Novembru żmien l-insib jew le la inti dilettant tal-insib?*

*Xhud FLS: Ikun,ehe,kważi,kważi ehe ikun.*

*Avukat MS: Ikun żmien l-insib?*

*Xhud FLS: Iva.*

*........ ..... .....*

*Avukat AF: Imma int allura kif kont.... jiġifieri qed tghidilna li kien hemm perjodu li kont tahratha, x'kien, x'kien jghidlek f'mohhok , f'mohhok, f'mohhok jew x'kien igieghelek tahratha f'dan ix-xahar u ma tahrathiex f'iehor ?*

*Xhud FLS: Biex ma jikkapparrax it-triq. Dik, ghal dik ir-raguni kont nahratha jien dak iz-zmien.*

Skont ir-**Regolament 5 tal-Avviz Legali 396** tal-2021 (L.S 549.147)

"Ghal finijiet li jiġi stabbilit l-istagun tal-insib tal-ghasafar selvaġġi fil-Harifa skont is-subparagraf (ii) u (iii) tar-raba' proviso ghar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar l-Ghasafar Selvaggi, u ghall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-istagun ghall-insib tal-Malvizz u l-Pluviera ghas-sena 2021, hawn iżjed 'il quddiem imsejjah *"l-istagun ghall-insib fil-Harifa"* , ghandu jkun f'dawn id-dati li ġejjien;

a) L-insib ghall-Malvizz mill-20 ta' Ottubru 2021 sal-31 ta' Dicembru 2021, iz-zewg dati inklużi; u
b) L-insib ghall-Pluviera mill-1 ta' Novembru 2021 sal-10 ta' Jannar 2022, iz-zewg dati inklużi;

Illi l-istagun tal-Harifa gie dikjarat maghluq f'Jannar 2022, cioe wara li l-kwerelanti kienu hartu l-passagg. L-ghalqa nhartet mill-kwerelanti aktar kmieni dak inhar stess tal-5 ta' Novembru 2021 jew ġurnata qabel, proprju fi żmien li l-istagun tal-insib kien miftuh kemm ghall-insib tal-Malvizz kif ukoll ghall-insib tal-Pluviera li dan tal-ahhar kien ghadu kemm fetah erbat'ijiem qabel.

Illi dan huwa kaz li kellu u ghandu jimmerita l-applikazzjoni tat-tieni proviso tal-Artikolu 85(1) tal-Kodici Kriminali. Dan il-proviso jaqra hekk;

> *"Izda wkoll l-akkuzat jista' jiddefendi ruhu billi jaghti provi li tali azzjoni kienet maghmula bhala izura temporanja mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza leġittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."*

Illi dan il-proviso li gie miżjud fl-Artikolu 85(1) tal-Kodici Kriminali permezz tal-Att XIII tas-sena 2018, jittratta dawk l-istanzi fejn l-azzjoni titqies leġittima bhala miżura temporanja sabiex wiehed jipproteġi lilu nnifsu jew lil haddiehor . Skont il-gurisprudenza kopjuza tal-Qrati taghna, fl-applikazzjoni ta' dan il-principju ta' difiża leġittima - l'hekk imsejjah *vim vi repellere licet* - jehtieg li ssir distinzjoni bejn l-att li permezz tieghu wiehed jaġixxi unilateralment bi pretensjoni ta' dritt bl-intiza li jiddisturbaw lil haddiehor fil-pussess jew uzu ta' xi haġa li qed igawdi u l-att ta' fejn wiehed ikun qieghed jaġixxi fl-interess li jiddefendi hwejgu minn attakk inġust. Fir-rigward, fis-sentenza taghha tas-6 ta' Novembru 2018, din il-Qorti kif preseduta, fil-kawza fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs Peter Paul Muscat** irreteniet is-segwenti;

Il-**Crivellari** ( il Codice Penale per il Regno d'Italia interpretato sulla scorta ecc. UTET, 1895, Vol.VI, page 751 (para.303) dwar din id-difiza ighid:

> *'La massima vim vi repellere licet, come l'altra qui continuat non attentat... escludono l'esercizio arbitrario. Egli e' percio' che se per togliere il mio dritto di passaggio si erigera' una siepe, in quello stesso momento avro' dritto di abbatterla, allora respingero' un arbitrio, ma nn commettero' mai un atto arbitrario."*

Dan l-ezempju tal-**Clivellari** jolqot propju l-musmar fuq rasu dwar il-kaz in subjecta materia. Minflok mal-kwerelanti bnew hajt fil-passagg, kif jaghti eżempju l-Crivellari, il-kwerelanti hartu l-passagg fi żmien meta l-appellant kien diehel u hiereg minn hemm jonsob fl-ghalqa tieghu.

Il-**Carrara** ( Prog. Parte Speciale Vol.5 para.2850) jsostni li l-maxim *vim vi repellare licet " non e' soltanto a qualunque repulsa di ingiusto attacco alla proprieta', quando la Difesa si eserciti entro i limiti del modrame... ... ... L'atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non vaglia; non delinque perche' la legge protegga io 'stato quo' il*

*quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale."*

Il-**Maino (** Commento al Codice Penale Italiano -UTET (1992) para 1189, pagma 388), fuq l-iskorta tal-Carrara, jghid: *"Altro principia: non puo' costituire delitti di ragion fattasi la sempliċi cintinuazionedi un pussess preesistente; qui continuat non attentat: occorre la violazione delpossesso altrui. L'atto esterno (costituente il reato di ragion fattasi) deve- cosi Carrara-privare altri contro sua voglia di un bene che gode. Chi e nell'attuale godimento di un bene, e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque, perche la legge protegga io statu quo, il quale non puo' vaariarsi tranne per consenso degli interresati, o per decreto dall'Autorita guidiziale ( si ritiene percio' noncommettere reato il colono che insista sul fondo dopo avuta ia disdetta). Sarebbe ragion fattasi l'azione dell'altro che mi impedisse di contonuare quel godimento; dunque non puo' essere ragion fattasi l'azione mia, con la quale mi mantego in quqel godimento..."*

Illi dan il-hsieb hu sostnut bil-fatt li hemm differenza bejn min iżomm il-pussess ta' xi haġa li jkun qed igawdi u minn min l-ohra ifixkel lil haddiehor fit-tgawdija ta' xi haġa. Ta' l-ewwel ma jwettaq ebda reat filwaqt li fit-tieni istanza r-reat jiġi kristalizzat. Dan huwa abbażi tal-principju *qui continuat non attentat.*

L-**Antolisei** ( Manuale di Diritto Penale-Parte Speciale il Giuffre ( Milano) ,1986) ukoll jispjega f'dan ir-rigward li : *L'ordinamento guiridico, infatti, ai fini della pace sociale, consente l'autotela nei casi i cui si verifica il pericolo attuale di un attacco ingiusto, il che tradizionalmente viene espresso col principio generale vim vi prepellere licet,e,nel caso specifio, con l'antica massima qui continuat non attentat. Pertanto, non commette esercizio arbitrario il possessore di un fondo che, usando violenza, si oppona a taluno che violentementecerca di occupera il fondo stesso. Nel conflitto delle pretese l'interesse del possessore."*

Dwar dan il-principju il-**professur Anthony.J.Mamo** isostni li :" *No offence is commited if the aġent has done the act in consequence of the necessity of defending his own possession rather than with the purpose of disturbing the possession of others;*

Illi dak iz-zmien li nharat il-passagg, l-appellant kien diehel u hiereg jonsob fl-ghalqa tieghu, u l-ahhar li kien dahal kien fl-4 ta' Novembru kmieni filghodu. Meta mar l-ghada sab il-passagg mahrut. L-appellant aġixxa dak il-hin propju minhabba l-bzonn attwali li jirrespingi azzjoni nġusta li saret fil-konfront tieghu mill-kwerelanti meta sab mahrut ukoll il-passagg li kemm ilu jghaddi minn hemm ghal snin twal fl-istagun tal-insib, huwa qatt ma sabu mahrut. Fil-kawza fl-ismijiet: **The Police vs Jane Deguara** decica b'sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-5 ta' Dicembru , wara li rreferiet ghal Crivellari u ghal Antolisei, il-Qorti kompliet hekk;

> *"Its is clear from the above, however, that for the principles contained in these salutary maxims to be applicable, the opposition to the threatened spoliation or the retaking of possession must be immediate. Thus, for instance, if the landlord has forcibly evicted the person in possession of the premisis while the possessor was out, the latter may, on returning in the evening force again the new lock and retake possession of the premise. He would not be guilty of the offence under Section 85 of the Criminal Code. But if the person who was in actual possession does nothing as soon as he becomes aware of the change , he cannot return two, three or four days later and break into the premises in exercise of his pretended right to re-acquire possession of the place. The raison d'etre for the principles above mentioned is that because of the actual threat of spoliation one cannot have recourse to the proper authorities- one has acted immediately to retain or to re-acquire possession. But if there is a certain lapes of time, then the law requires reference to the proper authorities."*

Il-Kwerelant Mario Lupi Spencer jallega li kellu l-prodott mizrugh anke fil-passagg ghalkemm mir-ritratti u l-filmat li esebixxa jidher biss li l-passagg kien ghadu gie mahrut frisk. Fil-fatt huwa baqa' ma gab ebda prova tal-hsara li sofra, u minnha l-appellant gie lliberat.

Rat it-risposta tal-Avukat Generali li tinsab esebita fl-atti.

Illi apparti l-aggravju hawn fuq trattat, l-akkuza hi wkoll wahda mhawda ghall-ahhar billi tindika żewġ lokalitajiet differenti Gharb u Ghajnsielem, kif ukoll dwar il-hin billi jindika filghodu u wara nofsinhar.

Rat il-provi akkwiziti mill-partijiet.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2024.

Ikkunsidrat.

Illi l-appellant fl-aggravju tieghu jghid li l-ewwwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u tal-ligi u dan ghaliex fil-fehma tieghu huwa agixxa bid-difiza ta' *vim vi ripelelre lecit.* Ghalhekk din il-qorti bhala Qorti tal-Appell jew ahjar wahda ta' revisjoni ghandha l-ewwel tifli mil-gdid il-provi imressqa u dan sabiex tara jekk is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kienitx wahda *safe and stisfactory.* Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:- kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; IlPulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; IlPulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk ilverdett taghhom huwa regolari f'dan

gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

---

is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju IrRepubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994)

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali mressqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali mresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti mbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtiha mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

Ikkunsidrat.

**PS 644 Jason Xerri** xehed permezz ta' affidavit esebit fl-atti a fol. 13. Spjega li nhar il-5 ta' Novembru, 2021 ghall-habta tas-6.00p.m kienu marru l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat Mario Lupi Spencer u Francis Lupi Spencer fejn dawn stqarrew li dak inhar ghall-habta tal-4.15 p.m waqt li huma kienu fl-ghalqa taghhom mgharufa bhala 'L-

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman
Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Imgieret' limiti ta Wied il-Mielah, Gharb, innutaw lil Mario Grech ghaddej isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Toyota Tercel ta' lewn griza minn gol-ghalqa li hija mizruha bil-felu. Huma stqarrew li l-ghalqa in kwistjoni hija qbiela tal-gvern. Qalu li minkejja li Mario Grech rahom li kienu hemm xorta baqa' ghaddej minn go l-ghalqa minghajr ma waqaf. Lupi Spencer stqarr li Mario Grech rega ghadda ghal darba ohra fl-4.25. Mario Galea kien hemm u ra kollox u kien lest li jixhed il-Qorti u li dan kellu kollox rekordjat fuq CCTV camera u ghamel kopja tal-footage li ghadddih il-pulizija, liema footage huwa mehmux mal-affidavit.

Il-Pulizija ghamlu kuntatt ma' dan Mario Grech u wara li gie mwissi bid-drittijiet legali tieghu u kkonsulta mal-avukat tieghu Dr Mario Scerri dan qal li bhala rutina hu jmur fil-proprjeta tieghu li hija qbiela tal-gvern mgharufa bhala Imgieret f'Wied il-Ghasri, Gharb, u minn dejjem kien jghaddi minn dan il-passagg li jghati ghal gol-proprjeta tieghu. Dan qallu li fil-passat kien hemm anke xi kawzi civili fuq spoll liema kawzi intrebhu minn Grech u skond decizjoni tal-Qorti u l-perit li qabdet il-Qorti, Grech suppost jghaddi minn hemm hekk u suppost ukoll li halla passagg kif kien fl-antik minghajr xkiel ta' xejn.

Grech kompla jghid li mhux talli Lupi Spencer ma mexiex mad-decizjoni tal-Qorti talli harat bicca mill-passag, izda harat bicca mill-passag xi 70 pied minn fejn jghaddi hu biex imur ghall-ghalqa tieghu. Qal li fis-sajf ma kienitx mahruta u wara li harget is-sentenza tal-Qorti t-triq baqghet l-istess li kienet u ghall-habta tal-ahhar ta' Ottubru 2021 il-passagg minn fejn kien jghaddi nharat bil-konsegwenza li ghal Grech kienet difficli li jacccedi ghal go l-ghalqa tieghu u kienet difficli iktar u iktar meta ghamlet ix-xita. Grech jghid li kien ser igib kwerela mill-avukat tieghu. Il-pulizija irceviet kwerela datata 14 ta' Dicembru, 2021 minghand Mario Lupi Spencer fejn l-avukat tieghu Dr Alfred Grech kiteb biex jittiehdu passi ghall-Qorti kontra Mario Grech rigward raggion fattasi u rigward hsara volontarja li jammota ghal €200.

Mario Grech gie infurmat rigward din il-kwerela u li kienu ser jinhargu akkuzi ghall-Qorti.

Rat il-kwerela datata 14 ta' Dicembru 2021 esebita fl-atti a fol. 16 fejn Dr Alfred Grech ghan-nom tal-patrocinat tieghu Joseph Lupi Spencer talab li jittiehdu passi fil-konfront tal-appellant fuq ir-reati ta raggion fattasi u hsara volontarja.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti a fol. 17 et seq u l-filmat esebit u markta Dok B.

Rat ix-xhieda ta' **Mario Lupi Spencer** moghtija nhar id-9 ta' Frar 2023. Jghid li fis-CD esebita hemm filmat ta' Mario Grech l-appellant ghaddej bil-karozza minn go nofs l-ghalqa mahduma. Spjega li nhar l-5 ta' Novembru, 2021 l-appellant ghall-habta ta' 4.20/4.30 p.m tela' minn gor-raba tieghu li tinsab il-Mielah, limiti tal-Gharb, u ra li r-raba kienet mahduma, hares tnejn, hares lejh u baqa' ghaddej bil-karozza qisu xejn mhu xejn minn fuq ir-raba mahduma. Qal li kien ilu jahdem din ir-raba ghal dawn l-ahhar tmien snin u qablu kien hemm missieru Francis Lupi Spencer u z-zijiet. Jigifieri dejjem kien jinhadem. Qal li kien mahdum ghal wicc tal-bhejjem bhala zergha . Qal li waqt li kien ghaddej hadlu l-footage. Dan telaq dawwar u rega' nizel. Jghid li dakinhar kien ma' Mario Galea, ma' missieru u kien hemm l-appellant. Il-video hadu mil-camera CCTV tieghu. Muri r-ritratt Dok. B esebit mil-Ispettur jghid li l-vettura Toyota Tercel li tidher ghaddejja minn gol-mahrut hija proprjeta tal-appellant, waqt li l-ghalqa minn fejn ghaddiet din il-karozza hija fil-pusses tieghu. Ikkonferma li mal-kamra li ghandu fl-ghalqa ghandu tlett cameras imwahlin.

Rat ix-xhieda ta' **Francis Lupi Spencer** moghtiha fl-istess jum tad-9 ta' Frar, 2021. Qal li kien fir-raba Wied il Mielah flimkien ma' ibnu Mario u Mario Galea. Din ir-raba tinsab bi qbiela ghand ibnu stess. Din ir-raba ilha tinahdem snin. Spjega li dakinhar fil-5 ta' Novembru, 2021 ghall-habta tal-4.30 p.m wasal l-appellant bil-vettura, waqaf quddiem ir-raba l-mahruta, hares tnejn hekk u x'hin fettilu baqa' ghaddej minn go nofs ir-raba mahruta. Il-vettura hija ta' kulur silver ghalkemm kienu ghaddew tlett snin mill-akkadut. Qal li waqt li ghadda minn fuq ir-raba hares fil-madwar u lilhom rahom hemm. Muri Dok. B jgharaf il-vettura tal-appellant u dan kien ghaddej minn fuq ir-raba mahdum. Spjega li l-art t'ibnu jestendi ghal quddiem u wara il-hajt tas-sejjiegh li ghandu ibnu. In kontro esami jghid li ilu mithla ta' hemmhekk ghal madwar sittin sena. Qal li kienet tkun ta' mghodija biss meta tinhasad il-wicc taz-zergha. Ikkonfema li meta r-raba tkun mahruta ma jghaddi hadd minn fuqha. Dejjem

hekk kien isir. Qal li fis-sajf jghaddu bir rigel u bil-karozza izda meta tinharat ma hemm l-ebda dritt ta' passagg. Ikkonferma li din l-art u dik il-parti minn fejn ghadda l-appellant dejjem tinahrat anke dawn l-ahhar ghoxrin sena. Mistoqsi jekk kienx hemm xi hsara jghid li ma jafx kemm kienet l-hsara ghalkemm hsara kien hemm zgur. Mistoqsi x'ghamel l-appellant meta dahal fuq ir-raba mahruta jghid li qaghad fuq gebla bilqieghda u rega' hareg. Qal li raba fl-akkwati m'ghandux. Gieli ghadda minn hemm fis-sajf biex jonsob. Il-moghdija li ghandu, ghal fejn jonsob hija minn fuq San Dimtiriju jew minn gol-wied, Frans Vella li illum mejjet kien jghaddi minn fuqhom. Dan kien sid l-ghalqa fejn jonsob Mario Grech. Jghid li dan Frans qatt ma qallu biex jghaddi u qatt ma qallu biex ma jghaddix peress li kien anzjan u kien imur jonsob. Kien imur hemm f'Marzu ghaliex l-kumplament kien imur l-Ghadira.

In kontro ezami nhar l-20 ta' Gunju, 2023 jghid li huwa minnu li r-raba hija tal-gvern imqabbla li ibnu u huwa imur hemm biex joqghod ma' ibnu. Jghid li huwa minnu li Novembru huwa xahar l-insib. Qal li huwa kien jahrat l-art meta isib xi hadd jahrathielu gilei f'Jannar u gieli f Novembru. Huwa ma kellux ingenji waqt li ibnu ghandu. Jghid li Frans Vella kien jonsob f'Marzu dejjem. Huwa kien jahrat l-art meta dan kien jieqaf mill-insib. Kien jahrat ir-raba biex ma jikkapparawlux it-triq.

**Mario Galea** xehed nhar id-9 ta' Frar, 2021 ( fol. 41) u muri l-filmat Dok. B jghid li gharaf in-nies ghaliex huma hbieb tieghu. Ikun qed jonsob maghhom hdejn it-Tieqa ta' Wied il Mielah l-Gharb. Dwar id-Dok. B jghid li dakinhar kien hemmhekk fejn ra lill-appellant ghaddej bil-karozza tieghu minn fuq ir-raba ta' Lupi Spencer. Qal li fix-xitwa ir-raba tkun mahruta tkun zergha. Dan kien fil-5 ta' Novembru 2021 u r-raba kien mahdum. Spjega li l-appellant l-ewwel ghadda bil-vettura mir-raba ittawwal minn gol-hgiega, rega' waqaf u baqa' sejjer fejn kien mahdum. Huma ma kellmuhx. Baqa' ghaddej ghall-ghalqa tieghu jirranga xi xbieki. Mistoqsi dwar il-hsarat jghid li biex tinhadem ir-raba trid l-ispejjez u minhabba dak li ghamel l-appellant kellha tinzera mill-gdid. Dan jafu ghax kien ikun dejjem hemm. Dwar il-qwantum ta' l-ispejjez pero' ma jaf xejn. Qal li kient mahruta b'xi zergha fin, ghalf ghall-annimali. Qal li huwa nassab izda imur anke meta is-season ikun maghluq u dan biex joqghod fil-kampanja pero' mhux biex jonsob. Imur hemm ghal siegha mistrieh ghax hu

penzjonant. Ikkonferma li din ir-raba tinharat kul sena zmien iz-zergha u ilu imur hemm ghal madwar ghaxar snin.

L-**appellant Mario Grech** xehed b'mod volontarju minn jeddu nhar l-20 ta' Gunju, 2023. Jghid li ilu midhla ta' dawn l-inhawi ghal madwar 45 sena. Kien imur hemm mar-ragel ta' zitu, certu Frans, meta kien ghad kellu madwar hames jew sitt snin. Qal li huwa trabba ma' zitu u kien imur fl-ghelieqi mieghu kul xahar. Imur fl-ghalqa jipprattika l-kacca u l-insib. Jghid li jmur ghall-ghalqa minn wara l-Gharb. Jinzlu ghat-tieqa ta' Wied il Mielah jiksru fuq ix-xellug jigu mal-kosta tal-bahar u wara jiksru fuq il-lemin u jitla' ghal gor-raba. Jigu ghar-raba tal-gvern li tinsab f'idejn terzi persuni. Huwa esebixxa tlett aerial photos tar-raba li ghandu l-parte civile u fejn hemm l-ittra 'X' dik hi l-parti tieghu. Ilu jidhol hem 45 sena u dan bla zmien fis-sena Qal li dik il-parti min fejn dahal qatt ma kienet tkun maharuta. Esebixxxa sett ritratti li gie mmarkat bhala Dok. MS 4 sa Dok. MS 12. Qal li minn dawn ir-ritratti tista' tara minn fejn jidhol ghal gor raba ta' Lupi Spencer kif muri fir-ritratt Dok. MS4. Dawn ir-ritratti gew mehuda minnu dawn l-ahahr tlett snin. Zgur li r-ritratt mmarkat MS4 ittihedet qabel Novembru 2021. Id-Dok MS5 turi dik il-parti tar-raba li giet mahruta. Dan ir ritratt ittihedet wara l-incident pero' jikkonferma li l-istat tar-raba kien l-istess dakinhar tal-5 ta' Novembru 2021. Fir ritratt hemm katina u jghid li dik tpoggiet sentejn qabel meta mar biex jidhol u ma setax u din tnehhiet wara li kienu ghamlu kawza civili l-Qorti. Spjega r-ritratti li l-Qorti tista' tara de viso. L-aerial photos gabhom mill MEPA u ttiehdu fi-snin 2016, 2004 u 1994. Pero' ma jafx liema stagun. Jichad li r raba kienet mahruta meta ghadda hu u li qatt ma inharat wara s-sentenza li inghatat f' Mejju 2021. Fl-imghoddi kien jidhol fir-raba is-sena kollha ghal insib izda llum le minhabba ir regolamenti tal Ewropa. Fis-sajf ma kienx imur ghax ma kien x'ikun hemm tajr.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi in suċċint l-appellant qiegħed jisħaq illi hu ma setax jinstab ħati tar-reat ta' 'l hekk imsejjah raggion fattasi u dan peress illi l-elementi mehtiega sabiex tissussisti r-reita'

ma jikkonfigurawx rwiehom mill-fattspecje tal-kaz, u f'kaz li jirrizulta ir-reat ta' raggion fattasi trid tigi applikata d-difiza ta' vim vi repellere lecit. Illi sabiex jigu mistharrga l-aggravji mqanqla mill-appellant, il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza minn fejn jirrizulta illi d-disgwid inqala' bejn il-ko-litigandi u dan ghaliex l-appellant jghid li ghandu kull dritt jghaddi mir-raba tal-kwerelanti waqt li l-kwerealnti jghid li m'ghandux dritt jghaddi minn fuq ir-raba tieghu meta din tkun mahruta.

Illi il-ġurisprudenza li titkellem dwar l-elementi ta' dritt li isawwru ir-reat ta' 'l hekk imsejjah ragion fattasi hija wahda kopjuza, u li giet esposta mill-qrati taghna *funditus* mal-medda taz-zmien. Dak li jilmenta minnu l-appellant izda huwa li mhux l-elementi kollha jirrizultaw ippruvati mill-fatti probatorji u dan ghaliex b'mod ewlieni l-att materjali kostituttiv ta' dan ir-reat u cioe' id-dritt ta passagg tieghuli ighaddi minn fuq ir rabat al kwerelant ma sarx bl-ezercizzju ta' xi dritt li kien qed jippretendi illi kellu fuq ir-raba ghaliex fil-fatt ighid li kien ilu ighadddi min nhemm ghal madwar 4 sena. L-appellant fil-fatt jikkontendi illi l-parte civile qabad u harat ir-raba prorpju sbeix ma ihallihx imur jonsob kif kien jghamel fil-passat ghaliex huwa nassab bhalau u ghalhekk jghid li kien l-parte civile li kien qed ifixkel lilu u mhux hu ifixkel lill-parte civile.

L-offiza tar-ragion fattasi dderivat fil-ligi taghna mill-Artikolu 168 tal-Kodici Naplitan jew Codice del Regno delle due Sicilie tal-1819. L-offiza giet klassifikata mill-legislatur taghna bhala wahda mid-delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet ohra. Il-**Professur Sir Anthony Mamo** fin-noti tieghu fuq il-Ligi Kriminali fit-tieni volum, iddeskriva dawn l-offizi kontra l-Amministrazzjoni talGustizzja bhala s-segwenti:

> *'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means*

*of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

Il-gurista **Francesco Carrara** fil-ktieb tieghu[4] jiddefinixxi l-offiza tar-ragion fattasi bhala ssegwenti:

*'La ragion fattasi è il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.'*

L-Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fil-kawza **Il-Pulizija -vs-Anthony Micallef**[5] din il-offiza giet deskritta bis-segwenti mod:

*'Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni talgustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika.* ***L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta', mobbli jew immobli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili – izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika.*** *Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.' (enfazi mizjuda)*

[4] Volum V fil-Parti Specjali.
[5] Appell Kriminali numru: 232/2002 deciz nhar it-30 ta' Lulju 2004.

Minn hawn johrog bic-car li l-Qrati ta' Gustizzja Kriminali fl-ezami tal-imputazzjoni taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huma mghobbija bl-ezami jekk il-privat u f'dan il-kaz l-appellant uzax l-awtorita' tieghu innifsu flok ma rrikorra ghand l-Awtoritajiet kompetenti.

Il-gurista Francesco **Carrara** fil-ktieb tieghu fuq kwotat jelenka erbgha (4) elementi li jridu jissussistu sabiex imputat jinstab hati ghar-reat. Dawn l-elementi huma s-segwenti:

> *1. Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo;*
> *2. Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto;*
> *3. Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati;*
> *4. Mancanza di titolo piu grave.*

Dawn l-erba' elementi gew adottati fil-Qrati taghna fosthom fil-kawzi **Il-Pulizija -vs- Giuseppe Bonavia et**,[6] **Il-Pulizija -vs- Salvatore Farrugia**[7] u **Il-Pulizija -vs- Professur Henry Frendo**[8] li huma ssegwenti:

'Kif inhu risaput, l-erba' elementi li jridu jikkonkorru biex jikkonfigura ruhhu r- reat ta' ragion fattasi huma:-

> *(1) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor,*
> *(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt,*
> *(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u*

[6] Deciza nhar l-14 ta' Ottubru 1944 mill-Qorti tal-Appell.
[7] Deciza nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-Qorti tal-Appell
[8] Deciza nhar id-19 ta' Awwissu 2005 mill-Qorti tal-Appell

*(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.*[9]

**Att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor**

Fil-kaz odjern irrizulta li l-appellant qabad u dahal fil-prorpejta tal-parte civile meta din kient mahruta kif del resto jirrizulta mil-wiri tal-filmat esebtit fl-atti. Jirrizulta li meta l-appellant dahal fl-ghalqa skond ma xehdu ix-xhieda tal-prosekuzzjoni dan qabad u hares il-madwar waqt li kein ghaddej bil-karozza u wara baqa' diehel . Fl-ebda hin ma waqaf u dahal bil-pass meta ra l-ghalqa mahruta. Jghid li kien jghamel hekk minn dejjem pero prova dwar din l-allegazzjoni ma gabx salv ix-xhieda tieghu li tidher li mhix kredibbli fic-cirkostanzi tal-fatti imressqa quddiemha. Jirrizulta bla tlaqliq in-nuqqas ta' rispett li l-appellant ghandu lejn il-parte civile u li ilhom ghaddejjin bid-dizgwid bejniethom tant li anke kien hemm pendenzi civili bejniethom proprju minhabba din ir-raba u ghalhekk kien messu jaf li l-parte civile kellu oppozizzjoni qawwija li huwa jidhol fir raba tieghu meta l-art kellha iz-zergha.

**Il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt.**

Illi hawnhekk irid jigi determinat x'intenzjoni kellu l-appellanti meta wettaq ir-reat u cioe' l-intenzjoni li jiehu l-ligi b'idejh u dan biex jezercita dritt li jahseb li ghandu. Hekk inghad fis-sentenza **Il-Pulizija -vs- Eileen Said**:

> *"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni*

[9] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Anthony Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imhallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Gunju 2014. Ara wkoll fost ohrajn **Il-Pulizija vs Mario Bezzina**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imhallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Michael Lungaro**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-imhallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u **Il-Pulizija vs Eileen Said** deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imhallef Joe Galea Debono u datata d-19 taz Gunju 2002.

*mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju.*

*Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu iddgawdija taghha."*[10]

Fil-kaz in desamina jirrizulta li l-appellant ma kellux dritt li jidhol fir-raba tal-parte civile mea din kient mahruta u dan ghaliex minkejja li seta kellu xi dritt ta passagg meta l-art mhux mahruta, dakinhar il-kwerelanti kellhom ir raba biz-zergha. Din il-Qorti ma setghetx ma tinnutax il-parti tax-xhieda tal-appellant fejn meta gie mitlub ghalfejn dahal fir-raba huwa jghid li ghamel hekk beix jonsob u mistoqsi ghaliex ghamel hekk meta r-raba kient mahruta jghid b'mod kategoriku li ir-raba ma kienitx mahuda kuntrajmaent ghal dak kollu li qalu x-xhieda tal-prosekuzzjoni u l-filmat li gie esebit. Ghalhekk dan l-elemennt jirrizulta wkoll ippruvat.

**<u>Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika.</u>**

M'hemmx dubbju li l-appellant kien jaf li l-kwerelant kellu kull dritt li jahrt ir-raba tieghu u li ma kellux jidhol fir raba meta din tkun biz-zergha. Madankollu l-appellant ma tax kaz u baqa' diehel xorta wahda minkejja il ra lill-kwerelanti fuq il-post u minkejja li r-raba kient mizrugha

Illi l-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – **<u>huwa li tipprotegi l-istatus quo</u>**.[11] Issa mmaterjalment mill-jeddijiet ta' natura civili li jista jgawdi l-appellant fuq il-proprjeta' li ighamel uzu minnha , jirrizulta

---

[10] Deciz minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta nhar id-19 ta' Gunju, 2002.
[11] Ara **<u>Il-Pulizija vs Jane Scicluna</u>** deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2010.

inkonfutabbilment illi l-kwerelant ghandu kul dritt li jahrat l-ghalqa tieghu molto piu meta jirrizulta skond ix-xhieda tal-aprte civile li l-appelant ghandu access minn bnadi ohra u dan ma giex kontestat. Dan ifisser illi l-appellant unilaterlament biddel dan l-istatus quo tal-kwerelant hesrem billi irrovinalu z-zergha li kellu jerga jizra mill-gdid u dan ghamlu b'mod illegittmu.

**In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi**[12]

Illi minn ezami tax-xhieda moghtija u tal-elementi precedenti jirrizulta b'mod inekwivoku li l-offiza ma hi xejn ghajr ghal dik ta' ragion fattasi.

Ghalhekk fid-dawl ta' dak li ntqal aktar l' fuq din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta fil-gudizzju taghha meta sabet lill-appellanti hati tal-akkuza kif addebtiata fil-konfront tieghu.

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Caruana**[13] qalet hekk:

> *'…… **kwistjonijiet dwar titolu ma jistghux ikollhom effett sabiex tigi stabbilita jew eskluza ir-reita'. Dan ghaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jezisti stat ta' fatt li ġie mibdul unilateralment minn parti wahda tant illi l-vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-uzu jew tgawdija ta'l-oggett li kien fil-pussess tagħha qabel dak l-att spoljattiv… …***
>
> *Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew migbura mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni tagħha, liema esposizzjoni tad-dritt hija dettaljata tant illi din*

---

[12] Ara fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506**; Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; Il**-Pulizija vs. Carmelo Ciantar**, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll **Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta),** 1872, p. 123).

[13]

*il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar fir-rigward. Jigi osservat biss illi:*

***"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tiegħu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli.***

***<u>L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp ċivili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo."[14]….</u>***

*"Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi 'il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi' (ara appell kriminali **<u>Il-Pulizija vs George Zahra</u>**, 16 ta' Lulju 1958 – Vol. XLII.iv.1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tiegħu ghandu l-pussess materjali ta' dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi ippruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.[15]"*

L-appellanti jghid ukoll li huwa agixxa fid-difiza tieghu in omagg mal-principju *vim vi ripellere lecit.*Fis-sistema ġuridiku Malti l-prinċipju tal-vim vi repellere licet ma hux t'applikazzjoni ġenerali, iżda jista' jservi ta' difiża f'ċerti każijiet limitati u kontemplati fil-Liġi. Dan jirriżulta mill-kitbiet tal-Professur Sir Anthony Mamo, fosthom fil-Lectures in Criminal Law, l-ewwel Volum, paġna 101 et seq. fejn Mamo anke jisħaq fuq il-fatt li fis-sistema Malti il-prinċipju tal-użu tal-vjolenza biex tiġi mbegħda vjolenza opposta hija kundizzjonata u ristretta għal sitwazzjonijiet partikolari.

---

[14] Ara **<u>Il-Pulizija vs Jane Scicluna</u>** deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2010.

[15] Ara l-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Mario Bezzina</u>** deciz nhar is-26 ta' Mejju, 2004.

Dan jidher li huwa wkoll sa ċertu punt rikonoxxut mill-appellant stess meta fir-rikors tal-appell studjat tiegħu, jiċċita varji każijiet deċiżi minn dawn il-Qrati fejn applikaw il-prinċipju tal-vim vi repellere licet fil-qasam tar-reati li jolqtu l-proprjeta – iżda fejn l-istess ġurisprudenza tirriżulta limitata għal ċerti sitwazzjonijiet ta' ragion fattasi.

F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-appellant ghamel dak li ghamel ghaliex kien qed jigi affrontat mill-kwerelanti sabeix tidhol fid-dar proprjeta taghhom it-tnejn.Jirrizulta li l-appellant ma kellux ghalfejn jesercita xi dritt beix jiddefendi lilu innifsu ghaleix kien hu li fil-fatt spolja lill-kwerelanti mit-tgawdija li hija kellha tal-fond li wirtet minghand missierha.

Kif jghid **Giulio Crivellari** fil-Il Codice Penale per il Regno d'Italia interpretato sulla scorta ecc. UTET, 1895:

> *"La massima vim vi repellere licet, come l'altra qui continuat non attentat…escludono l'esercizio arbitrario. Egli e` percio` che se per togliere il mio diritto di passaggio si erigera` una siepe, in quello stesso momento avro` diritto di abbatterla, allora respingero` un arbitrio, ma non commettero` mai un atto arbitrario.[16]"*

Kif ukoll **Francesco Antolisei**[17]:

> *"L'ordinamento giuridico, infatti, ai fini della pace sociale, consente l'autotutela nei casi in cui si verifica il pericolo attuale di un attacco ingiusto, il che tradizionalmente viene espresso col principio generale vim vi repellere licet, e, nel caso specifico, con l'antica massima qui continuat non attentat.*
>
> *Pertanto, non commette esercizio arbitrario il possessore di un fondo che, usando violenza, si oppone a taluno che violentemente cerca di occupare il fondo stesso. Nel conflitto delle pretese prevale l'interesse del possessore[18]."*

---

16 Vol. VI page 751 (para. 303).
17 Manuale di Diritto Penale – Perte Speciale II Giuffre` (Milano), 1986.
18 op. cit. page 966

Kif jinghad fis-sentenza bl-ismijiet **The Police vs Jane Deguara;-**[19]

> *It is clear from the above, however, that for the principles contained in these salutary maxims to be applicable, the opposition to the threatened spoliation or the retaking of possession must be immediate. Thus, for instance, if the landlord has forcibly evicted the person in possession of the premises by changing the lock to the door of the said premises while the possessor was out, the latter may, on returning in the evening force again the new lock and retake possession of the premises. He would not be guilty of the offence under Section 85 of the Criminal Code. But if the person who was in actual possession does nothing as soon as he becomes aware of the change, he cannot eturn two, three or four days later and break into the premises in exercise of his pretended right to re-acquire possession of the place.*

Huwa car mis-suespost li sabiex il-principji kontenuti fil-maxim imsemmija 'l fuq l-opposizjoni tal-appellant ghaz-zergha fil-passagg kellha tkun immedjata u cioe ta' dak il-hin, l-apellant messu agixxa dak il-mument meta ra lill-parte civile tahrat l-ghalqa taghha u appuntu dik il-parti minn fejn kien jghaddi hu. F'dak il-kaz ma kienx jinsab hati tar-reat kif dispost fl-artikolu 85 tal-kodici Penali. Izda zgur li ma jistax ikun il-kaz li l-appellant imur fir-raba in kwisjtoni granet wara li giet mahruta u m'hemmx dubbju li hekk sar ghaliex iz-zergha kienet gja fil-wicc u jghaddi bil-vettura tieghu qisu xejn mhu xejn taht il-pretiza li ghandu dritt li ighaddi . Ir-raison d'etre ghall-principju imsemmi aktar 'l fuq hi li fit-theddida attwali tal-ispoll wiehed ma jippretendix li jkollu rikors ghal-Qorti dak il-hin stess sabiex izomm li dak li jkun milli jkompli jostakolalu id-dritt tighu Izda jekk ikun hemm certu trapass ta' zmien il-ligi tesigi li jkun hemm rikros lejn l-awtorita gudizzjajra. Iktar u itkar sabiex il-principju qui continuat non attentat japplika l-pesna attwalment ghandha timmantjeni l-*istatus quo* u tagixxi strettament fil-parametri tad-dritt jew pusses ta' dritt ta' tgawdija u mhux li isir abbuz minn tali dritt kif gara f'dan il-kaz. F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-appellant kien qed jagixxi b'mod immedjat sabiex jilqa' ghat-thedida tas-spoljazzjoni.

[19] Deciza 5 ta' Dicembru 2003

Din il-Qorti hi tal-fhema illi s-sentenza tal-ewwel Qorti kienet *safe u satisfactory* ghaliex il-provi migjuba kienu bizzejjed sabiex joholqu ness bejn l-appellant u l-agir kriminuz.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**